**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 04/2023

23 ta' Marzu 2023

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Marco Agius | – Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Vici-Sindku |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius | - Kunsilliera |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Nil

**ASSENTI:**
Nil

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Marco Agius ,Sindku,  ippresjediet il-laqgħa

## 04.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

04.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

## 04.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

04.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 3/2023 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

04.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur James Cauchi issekondata mis-Sa. Melanie Agius  il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

04.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**04.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

04.3.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi nhar it-2 ta' Marzu kienet inzammet tahdita dwar dementia gewwa Centru Tbexbix

04.3.2 Is-Sindku informal ill-Kunsill Lokali bi proposta li kienet waslet minghand *Bulletproof* b'konnessjoni ma' open gym fil-lokalita'

04.3.3 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill b'laqgha li kienet inzammet b'konnessjoni ma' progett bl-isem ta' eskills li kemm il-darba jkun possibbli l-Kunsill Lokali kien ser japplika ghalih.

04.3.4 Is-Sindku tenna illi kien attenda ghal varar ta' numru ta' skemi mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali.

04.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv matul ix-xahar ta' Marzu 2023 kien iltaqa' ma' Palumbo Malta Shipyards Ltd.

04.3.6 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi kien iltaqa' mad-Direttur Generali tad-Dipartiment tax-xogholijiet u kien iddiskuta l-manutenzjoni ta' Bacir numru 1 u grawnd li kien jinstab biswit l-iskola primarja.

04.3.7 Is-Sindku sahaq illi kien iltaqa' ma' FTZD u kien iddiskuta l-installazzjoni ta' numru ta' bankijiet gewwa bacir numru 1.

04.3.8 Is-Sindku informa lill-Kunsil Lokali illi hekk kif diskuss, il-Kunsill Lokali kien iffirma *memorandum of understanding* mal-belt ta' Caltagirone li kienet tinstab gewwa Sqallija.

04.3.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-26 ta' Frar 2023 kienet inzammet gewwa Bacir numru 1, attivita' konnessjoni mal-GSSE roadshow li ghaliha ppartecipaw numru ta' ghaqdiet mil-lokalita'.

04.3.10 Is-Sindku informal ill-membri prezenti illi gewwa l-Universita' Amerikana ta' Malta kienet inzammet attivita' b'rabta ma' mard rari.

04.3.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet ittellghet b'success attivita' marbuta ma' zmien il-karnival. Is-Sur Agius irringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew iehor taw kontribut.

04.3.12 Is-Sindku sahaq illi kien formalment talab illi l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar meta kien ser jinfetah ufficjalment ferry landing site f'Bacir Numru 1. Is-Sur Agius tenna illi kien ser ikun qieghed izomm lill-membri tal-Kunsill Lokali aggornati b'eventwali zviluppi.

**4.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

4.4.1 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet : "Jista' l-Kunsill Lokali jinghata jigi aggornat dwar xogholijiet ta' trinek u asfaltar li nbdew u ma' tkomplewx fi Triq Dun Victor Cilia u Triq Wigi Rosato?".
Is-Sindku wiegeb: "Qieghdin kostantement nitolbu lil min hu responsabbli sabiex jitkomplew ix-xogholijiet li fi Triq Dun Victor Cilia ilhom li nbdew kwazi sentejn. Ser inzommkom aggornati hekk kif ikolli xi risposta".

4.4.2 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet : 'Tista' tinghata informazzjoni dwar meta ser tinxteghel bozza li giet installata fiz-zona ta' San Gwann t'Ghuxa?'
Is-Sindku wiegeb : 'Kif diga' gie infurmat il-Kunsill Lokali f'seduti precedenti, ix-xoghol min-naha tal-kuntrattur tal-Kunsill Lokali lest. Nistennew li l-bozza tigi konnessa mal-linji tad-dawl u qieghdin naghmlu pressjoni sabiex dan isir ghaliex il-materja ilha pendenti'.

4.4.3 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : 'Tista tabella 'No right turn' li hemm fi Triq San Rokku kantuniera ma' Triq l-Oratorju tigi installata mal-hajr u mhux fuq arblu?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ser inkunu qieghdin naraw illi kemm il-darba ikun possibbli ix-xoghol isir'.

4.4.4 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet : 'Jista' jsir railing mal-faccata tal-muzew tal-bniet fi Triq San Gorg?'.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Dwar il-materja ghandu jsir studju tas-sitwazzjoni ghaliex il-Kunsill ghandu informazzjoni illi hemm problemi relatati ma' parkegg'.

4.4.5 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: 'B'konnessjoni ma' mozzjoni li approva l-Kunsill Lokali dwar tnehhija ta' parkeggi u projbizzjoni ta' pparkjar ta' vetturi f'parti minn Triq Matty Grima, huwa possibbli li communal parking bay li hemm fiz-zona tigi mcaqilqa ghal Triq Matty Grima kantuniera ma' Triq San Gorg?'
Is-Sindku wara li kkonsulta mal-Kunsilliera wiegeb : ''Ma ghandu jkun hemm ebda problemi sakemm jinkisbu l-permessi mehtiega'.

4.4.6 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa: 'Hemm xi risposta dwar meta ser titkompla l-installazzjoni ta' bollards fi Triq San Gorg?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Hekk kif diskuss fl-ahhar seduti ghandu jkun hemm indikazzjoni dwar fejn ghandhom jigu installati. Fil-frattemp ser jitkompla t-twahhil ta' bollards li diga' huma immarkati'.

F'dan l-istadju hareg mis-seduta il-Kunsillier James Cauchi (18:12)

**4.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

4.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru03/23) ghall-approvazzjoni.

4.5.2 Fuq proposta tas-Sur James ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). Il-Kunsillier Martiun Vella sahaq illi huwa kien qieghed japprova l-pagamenti kollha ghajr dak tal-kuntrattur tal-knis tat-toroq.

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier James Cauchi (18:16)

4.5.3 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xhur ta' Frar 2023.

4.5.4 Fuq proposta tas-Sur Martin Vella ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**4.6 Mozzjonijiet numru 02/2023; 03/2023; 04/2023**

4.6.1 Mozzjoni numru 02/2023 (VIII)
Latrini
Bhala kunsillier inkarigat mill-indafa pubblika ged nitlob Ikunsill biex jigu estizi il hinijiet tal fuh tal-Latrini.

- Il-Latrina il hemm taht il-Posta qed nissugerixxi il tibda tinfetah ukoll is-Sibtijiet ,Hdud u Festi. Il-hinijiet li ged inressaq huma kif gej.
  Xitwa1/10-30/04 mis-7.00 hrs. sa 19.00 hrs
  Sajf mis-07.00 hrs. sa 20.00 hrs.
  Sibtijiet , Hdud u Festi mis-07.00 hrs. sa 12.00 hrs.

- Il-Latrina il hemm hdein il-Kunsill, nissugerixxi il -I Kunsill jaghmel ftehim mal-gabbana sabiex din tibaa miftuha hiniiet itwal
- Qed inressag din il-mozzioni ukoll b i e naraw 'possibilita hemm biex il-latrina li hemm fi Trig Dom Mintoff terga tigi utilizzata.

Segwiet diskussjoni libera dwar il-materja fejn fost l-ohrajn, filwaqt li kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb iz-zewg latrini pubblici operabbli, giet diskussa il-possibilita' ta' shift allowance f'kaz illi l-Kunsill Lokali izid il-haddiema li jahdmu fil-latrini pubblici ghal erbgha u jintroduci sistema ta' shift. Finalment, gie deciz illi kellu jsir kuntatt ma' CWSEF bil-ghan illi jigi stabbilit x'kienu l-obbligi tal-Kunsill Lokali u l-istess Kunsill Lokali ikun f'pozizzjoni ahjar illi jiehu decizjoni.

4.6.2 Mozzjoni numru 03/2023 (VIII)
Qed inressaq mozzjoni biex iz-zewg parkeggi ezistenti f'San Gwann t'Ghuxa z-zghir jigu allokati ghal muturi
Proponent : Martin Vella
Sekondant : Marco Agius

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

4.6.3 Mozzjoni numru 04/2023 (VIII)
Qed inressaq din il-mozzjoni biex il-vann li jintuza ghat-trasport tan-nies isirlu modifikazzjoni minhabba li huwa gholi hafna minn mal-art, b'konsegwenza li whud mill-Anzjani li juzawh isibuha difficli biex jitilghu.

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Johann Scerri
Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**4.7 Audited Financial Statements**

4.7.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali dokument finali tal-audited Financial statements ghas-sena 2022

4.7.2 Wara diskussjoni libera li matulha gie spjegat lill-Kunsilliera prezenti kif l-Audited Financial Statements ghas-sena 2022, kienu jirriflettu dak li kien gie diskuss f'seduti precedenti, fuq kunsiderazzjoni tal-Kunsillier James Cauchi ssekondat mill-Kunsilliera Melanie Agius, il-Kunsill Lokali b'mod unanimu approva d-dokument hekk kif imressaq.

F'dan l-istadju u peress li kienu ghaddew tliet sieghat mill-bidu tas-seduta, il-Kunsillier James Cauchi ressaq proposta sabiex is-seduta titkompla. Il-Kunsillier Johann Scerri ssekonda u kien hemm votazzjoni unanima.

## 4.8 Rapporti

4.8.1 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jidhol ghal spiza ta €141.60 li kienet l-orhos fost l-istimi migbura bil-ghan illi jinkrew siggijiet b'konnessjoni ma' zjara li l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jospita.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jidhol ghal spiza ta €90 li kienet l-orhos fost l-istimi migbura bil-ghan illi tinxtara figolla tradizzjonali li tinqasam waqt l-attivitajiet tal-Ghid il-Kbir.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jidhol ghal spiza ta €90 li kienet l-orhos fost l-istimi migbura bil-ghan illi jinxtraw figolli b'konnessjoni mal-attivitajiet tal-Ghid il-Kbir.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jidhol ghal spiza ta €433.35 li kienet l-orhos fost l-istimi migbura bil-ghan illi tinkera akkomodazzjoni b'konnessjoni ma' zjara li l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jospita.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jidhol ghal spiza ta €757.56 li kienet l-orhos fost l-istimi migbura bil-ghan illi jinxtara ikel b'konnessjoni ma' zjara li l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jospita.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jidhol ghal spiza ta €141.60 li kienet l-orhos fost l-istimi migbura bil-ghan illi jinxtraw xemghat b'konnessjoni ma' attivitajiet relatati mal-gimgha l-Kbira.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jidhol ghal spiza ta €1032.50 li kienet l-orhos fost l-istimi migbura bil-ghan illi jinkrew boards b'konnessjoni ma' esibizzjoni li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jtella'.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba sabiex il-kumpanija GO taccessa Pjazza Tony Coleiro sabiex taghmel xi xogholijiet
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jaghmel reklam f'publikazzjoni li kienet ser tigi ppublikata minn Domus Piu IX. L-ispiza kienet ta €130.
- Kellha tintalab laqgha lis-Sur Stanley Mangion b'konnessjoni ma' proposta ta' plakka fi Pjazza Santa Margerita.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jidhol ghal proposta ta' innovazzjoni digitali ghat-tfal li kienet waslet minn TCTC.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'komunikazzjoni li kienet waslet mir-Regju Port b'konnessjoni mal-belt kulturali 2031.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jidhol ghal proposta li kienet waslet minghand eSkills Malta Foundation

4.8.2 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill Lokali illi kienu gew imhabbra numru ta' skemi mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali. Wara li inghatat l-informazzjoni kollha dwar l-iskemi ttiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali kellu japplika ghall-iskema Clean up the world campaign 2023 hekk kif sar fis-sena precedenti. Il-Kunsillier Martin Vella kellu jiehu hsieb itella' attivita' ta' tindif fil-granet indikati.

- Il-Kunsilliera Martin Vella u James Cauchi kellhom jikkollaboraw sabiex tigi sottomessa applikazzjoni b'konnessjoni mal-iskema finanzjarja Komunitajiet aktar siguri u organizzati.
- Kemm il-darba ma jkunx hemm l-involviment tad-Divizjoni tax-xogholijiet, il-Kunsill Lokali ma kienx eligibbli biex japplika ghall-iskema Fond ta' manutenzjoni u sostenn ta' progetti Infrastrutturali Magguri li gew imwettqa. Mill-Gvern Centrali.
- Il-Kunsill Lokali kellu japplika ghall-iskema attivitajiet kulturali annwali 2023/2024. Fir-rigward, il-Kunsill Lokali kellu japplika sabiex kemm il-darba ikun possibbli tigi sottomessa applikazzjoni u jinkisbu fondi sabiex jittella' Cospicua Short Play Festival 2023. B'konnessjoni mal-attivita' u peress li l-istess Cospicua Short Play Festival kien jitlob finanzi li jammontaw ghal madwar €35 000, il-Kunsill Lokali kellu japplika sabiex jikseb il-massimu tal-finanzjament u cioe' €20 000.

**4.9 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

4.9.1 Is-seduta giet fi tmiemha fl-22:19p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghas-27 ta' April 2023 fis-5:30 p.m.

Konfermati, illum <u>27 t' April, 2023</u>

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ________________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |